Jannar - Ġunju 2020

Ħarġa Nru: 103

# IL-PRESEPJU

Pubblikazzjoni Għaqda Ħbieb tal-Presepju - MALTA



Newspaper Post

c/o 56, "Amaltea"
Triq il-Marġ, Attard, ATD 2382

**Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta**

Maħruġ kull 6 xhur
VO / 0844

Kull korrispondenza għandha tiġi indirizzata lis-Segretarju,

is-**Sur Charles A. Bellia**
**"Amaltea" 56,**
**Triq il-Marġ,**
**Attard ATD 2382, Malta**

*Proof-Reading:* Jessie Chircop /Alex Powell
Issetjar: Stefan Zahra




Ritratt tal-Qoxra:
Santa antika tal-Milied

Stampat:
**BONNICI PRESS**
VALLETTA
Tel: 2122 4607

# Werrej

| | |
|---|---|
| L-Editorjal | 03 |
| Kelmtejn mill-President | 04 |
| Intervista ma' Indri Schembri | 05 |
| Mill-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Għaqda | 06 - 07 |
| Kif jiċċelebraw il-Milied fil-Messiku | 08 - 09 |
| Il-Logo tal-Għaqda | 10 |
| Il-Kungress UN. FOE. PRAE | 11 - 13 |
| *Father Christmas* / Il-*Holly* | 14 - 15 |
| Kif il-ħmara iġġib is-salib fuq daharha | 16 - 17 |
| X'ifisser il-Milied għat-tfal iż-żgħar? | 18 |
| Ir-Relikwi tat-Tliet Maġi fil-Ġermanja | 19 |
| Tagħrif Ġenerali għat-tfal / Xemgħat għall-Milied | 20 |
| L-Atmosfera tal-Milied | 21 |
| Novella - Il-Prietka tal-Milied | 22 - 23 |
| Betlehem - Id-Dar t'Alla Lahm ... Dar il-Ħobż | 24 - 25 |
| Il-Presepju ta' Scicli | 26 - 27 |
| Milied u l-Istrina | 28 - 29 |
| Ġlieda bejn l-Insara | 30 |
| Paġna għat-tfal | 31 |
| Santi Antiki | 32 |

**L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju, Malta tirringrazzja lil kull minn kiteb f'din il-ħarġa tal-fuljett.**

# L-Editorjal ...



Qiegħed nikteb dan l-artiklu meta d-dinja kollha għaddejja minn flaġell kbir u ta' twerwir u ansjetà kbira. Faqqa' l-*Coronavirus* ... virus inviżibbli li ġab lil kulħadd għarkupptejh. Ħadd ma kien jimmaġina x'ħerba u konfużjoni ser iġib fid-dinja kollha. Misterju kif biċċa virus ikkontamina eluf ta' eluf ta' nies ta' kull razza u kulur. Dan il-virus qatel eluf ta' eluf...tefa' f'dulur lil tant familji li tilfu xi qraba tagħhom. Hawn wieħed jistaqsi, "X'għandha x'taqsam din il-ġrajja li qed ngħixu llum ma' dik li ġrat elfejn sena ilu ġo Betlem?" Xtaqt nagħmel paragun kif dan il-virus inviżibbli u qattiel, ħalla marka fuq id-dinja hekk kif ħalla marka twelidt il-Bambin Ġesù.

Elfejn sena ilu, ġo għar, ġrat xi ħaġa li l-poplu Lhudi u d-dinja kollha kienu bi ħġarhom jistennew ... Dan kien il-feddej biex jeħlishom mill-jasar u l-ħakma Rumana. Kienet twieldet tarbija, minn tfajla Lhudija, bis-saħħa tal-Ispirtu Santu, it-tielet persuna tat-Trinita Mqaddsa. Persuna li ma narawhiex iżda li ma jsir xejn fid-dinja jekk mhux bis-saħħa Tagħha. Inviżibbli. Dan, meta' jiġi fuqek, tintela' b'ħeġġa liema bħala. B'hekk bis-saħħa Tiegħu, fid-dinja kien wasal il-feddej ġo għar għeri, kiesaħ, mudlam u 'l bogħod minn kulħadd. Din it-tarbija ħalliet marka u biddlet wiċċ id-dinja. Emmanuel, it-tarbija ta' Marija u Ġużeppi, li kien missier putattiv, kien daħal fid-dinja biex iwassal il-bxara t-tajba lill-bnedmin ta' rieda tajba. Bil-wasla tiegħu fuq din l-art, id-dinja nbidlet ta' taħt fuq. Il-bniedem sab kenn fit-tagħlim soċjali li kien jipprietka dan it-tifel ta' Marija u Ġużeppi. Il-tagħlim u l-prietki tiegħu infirxu b'qawwa u b'saħħa mal-erbat irjieħ tad-dinja. Ir-reliġjon nisranija tant sabet appoġġ mill-popli tad-dinja kollha, li saret waħda universali ... u xxerred l-imħabba. Id-dinja nħakmet b'dan il-virus nisrani.

*Coronavirus* huwa virus inviżibbli u jġib il-mewt, waqt lir-reliġjon nisranija hija virus inviżibbli ta' mħabba u twelid mill-ġdid għal ħajja aħjar. Kos, kif qatt wieħed jista' jkompli jgħix f'mumenti bħal dawn jekk wieħed ma jkollux il-fidi, tama u twemmin li Alla ser jidħol għalina u jsalvana.

Nittamaw u nitolbu biex nissuperaw dan il-mument diffiċli u ta' qtiegħ il-qalb. Hu dejjem magħna, u żgur li mhux ser jabbandunana.

**Frans Chircop**
Editur

# Kelmtejn mill-President



**ALEX POWELL**

Fil-waqt li qed nikteb dan il-messaġġ, fi żmien ta' tensjoni li bidlet ħajjitna mill-lejl għan-nhar, ħsiebi jmur lejkom ilkoll, għeżież Ħbieb tal-Presepju, li sakemm qed nikteb ma nistgħux inkunu fil-preżenza ta' xulxin. Fittxu s-saħħa tagħkom, tal-familji għeżież tagħkom u tal-komunità.

Nieħdu ħsieb xulxin bl-imħabba. Forsi s-sinjali esterni ta' mħabba inqalbu b'mod inkredibbli, almenu sakemm qed nikteb. Il-qrubija lejn xulxin, tgħanniqa, dejjem kienu sinjali ta' mħabba, imma bħalissa biex tħobb trid iżżomm 'il bogħod minn min tħobb. L-imħabba tweġġa', kienet qalet Santa Tereża ta' Kalkutta.

Ilkoll qed nesperjenzawh. Biss hemm x'jgħaqqadna. L-ewwel ħaġa it-talb. Aħna li nħobbu l-presepju nistgħu induru lejn ix-xbieha għażiża tat-Tarbija Mqaddsa fil-maxtura, lejn il-familja fqajra mġarrba. Hemm għandna fejn nirriflettu u nitolbu. Niftakru li waqt li aħna t-tbatija tiġi fuqna, Kristu għażilha hu għalih, kemm fil-mumenti tat-twelid u aktar fil-passjoni u l-mewt.

Bla dubju il-presepju huwa dak li jgħaqqadna u fi żmien bħal dan inħoss li hu grazzja speċjali għalina l-fatt li nħobbu l-presepju. Niftakar anniversarju tal-Għaqda tagħna bil-motto, "*Il-Presepju f'Qalbna s-Sena Kollha*". Dan jibqa' verità dejjem, imma partikolarment fi żminijietna. Ħafna ħbieb intefgħu fir-rokna tagħhom jaħdmu l-presepju. Hemm min dar dawra mal-pasturi jew max-xogħlijiet li għandu, u 'l bogħod mill-Milied l-imħabba presepista tagħna ħadet il-ħajja fi żmien imwiegħer. Oħrajn ma kellhomx moħħ jew qalb. Għinu lilkom infuskom u tħeġġu għall-presepju għażiż. Jekk qed issibha iebsa li tmidd idejk, sib qari dwar il-presepju, fittex informazzjoni u ftit ftit terġa titnibbet in-namra li forsi minħabba ċ-ċirkostanzi taħseb li tlift.

Ejjew flimkien nittamaw fi żmien sabiħ meta naraw il-presepji armati, bl-għerien, l-istalel u l-għerejjex; il-blat; siġar, ħxejjex u l-ħaxix; il-bini, l-imtieħen u l-bjar; l-ilma jgelgel; id-dwal sbieħ, il-kewkba u sema mimlija kwiekeb; il-pasturi ta' kull kwalità, forma u daqs, l-ewwel fosthom il-Bambin, il-Madonna, San Ġużepp u l-baqra u l-ħmara; l-għanjiet sbieħ, u mela le: induqu l-benna tal-ikel tal-Milied. Fuq kollox li nkunu nistgħu ningħaqdu fiżikament bħala Ħbieb tal-Presepju u naqsmu flimkien l-esperjenzi u l-imħabba tagħna lejn il-Presepju Mqaddes.

**Paċi u Sliem**



# Intervista ma Patri Indri Schembri

(1805-1875)

## L-AWTUR TAL-GĦANJA " NINNI LA TIBKIX IŻJED"

*P. Schembri x'kien li ħajrek issir patri?*
Ħassejt 'l Alla jsejjaħli wara li kont smajt prietka ta' ċertu Massimiljanu Ryllo, ġiżwita Pollakk. Xi snin wara, fl-1829 kont sirt Ġiżwita jien ukoll.

*X'kien ix-xogħol partikulari tiegħek wara li sirt Ġiżwita?*
Kont wieħed mill-ewwel għalliema tal-kulleġġ tal-Ġiżwiti fl-Imdina li kien fetaħ fl-1845. Bqajt ngħallem hemm sa l-1852 meta tlaqt għall-Alġier biex nibda nieħu ħsieb lill-Maltin ta' hemm.

*Fl-Algier kif mort?*
Għedtlek li kien hemm ħafna Maltin. Dak iż-żmien l-emigrazzjoni tal-Maltin lejn il-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq kienet qawwija ħafna. Kont ninqeda bl-isien Malti fil-kitba ta' innijiet u poeżiji għall-Maltin imbegħdin minn art twelidhom. Kont ħriġt ktieb f;-1864 li semmejtu "Ġemgħa ta' Kliem Imqaddes li jingħad mill-Maltin ta' l-Alġier." Kont nikteb ħafif kemm jista' jkun, biex żgur jifhem kulħadd.

*Int kont erġajt ġejt lura Malta?*
Iva. Diżgrazzjatament f'Malta faqqgħet il-pesta bubonika. Dan kien fl-1837. Din il-pesta qerdet għadd kbir ta' nies. Tajt is-sehem tiegħi mill-aħjar li stajt.

*Nistgħu nikkunsidrawk bħala wieħed mill-poeti Maltin tas-seklu l-ieħor.*
Niftehemu ma kontx xi poeta kbir. Xejn minn dan. Kif għedtlek kont ninqedà bil-versi biex nagħti tifħir 'l Alla u lill-qaddisin. Fil-poeżiji tiegħi ma ssibx xi ħsibijiet għoljin. Kelli stil kemm jista' jkun popolari. Nagħtik eżempju billi nislet strofa mill-"Ħames Misteru tal-Ferħ":

*"Tlitt ijiem imċaħħda minnu*
*Tlitt ijiem kont imbikkija*
*Dejjem tfittxu u issa sibtu*
*Nifirħulek*
*O Marija."*



*Żgur li ismek jibqa' jissemma għal ħafna u ħafna snin li ġejjin. Il-fatt li int tajtna l-għanja sabiħa "Ninni la tibkix iżjed" jurina min int u nibqgħu niftakru fik.*

Fil-fatt dik jisimha "Il-Benniena ta' Ġesù Bambin" u kif għidt int, ħadet sew fost il-poplu. Hi l-aktar għanja li tisraq il-qalb tat-tfal u tal-kbar fi żmien il-Milied. Il-kliem sempliċi u sentimenti ħelwin li jifhimhom kulħadd u jnisslu f'kull minn jismagħhom sens ta' tjieba u ħlewwa. Naħseb li m'hawnx Malti li ma jafx ikanta din l-għanja hekk ħelwa.

*Ninni la tibkix iżjed*
*Ninni Ġesù Bambin*
*Ħallih għalina l-biki*
*Għax aħna midinbin*

*Ejjew ejjew ja anġli*
*Mis-sema mija mija*
*Ħdejn Alla li ħalaqkom*
*Bambin ġewwa l-fisqija.*



# GRAZZI

**P. Indri Schembri ta' din l-intervista.**
P. Indri Schembri miet fl-Alġier fit-28 ta' Settembru 1875. Tant kien hemm nies li riedu juruh l-aħħar rispett, li l-kadavru tiegħu dam jumejn espost fil-knisja qabel indifen.



# Tinżamm il-Laqgħa Ġenerali Annwali - 2020

CHARLES BELLIA - SEGRETARJU / PRO

Din is-sena l-Laqgħa Ġenerali Annwali saret nhar il-5 ta' Marzu, 2020. Verament li l-Bambin ried li dan l-appuntament ta' kull sena jinżamm ... eżattament qabel il-pandemija tal-Covid19 (*Coronavirus*) laqtet ukoll lil pajjiż żgħir tagħna. Fil-fatt, tliet ijiem wara, smajna l-aħbar li minn testijiet li saru, instabu l-ewwel persuni infettati minn dan il-virus. Għall-Għaqda tagħna dan kien ifisser li ma jsirux laqgħat jew attivitajiet oħra. Id-deċiżjoni, meħuda b'mod awtomatiku waqqfet ukoll il-Laqgħat tal-Kunsill Amministrattiv immedjatament wara l-Laqgħa Ġenerali. Anqas il-*follow up* tal-Laqgħa Ġenerali ma rnexxielna nagħmlu u għalhekk dak li tkellimna dwaru għadu ma ġiex impoġġi fil-prattika.

Nistgħu ngħidu, li barra s-soliti rapporti tas-Segretarju u t-Teżorier li ġew approvati b'mod unanimu, kellna tliet punti li ġew diskussi li għalkemm kien hemm ukoll qbil dwarhom, tħallew għal aktar irfinar u azzjonijiet neċessarji mill-Kunsill.

Billi din il-ħarġa tal-fuljett hija l-ewwel okkażjoni ta' kuntatt magħkom il-membri, ħassejna li jkun tajjeb jekk ninfurmawkom dwar dawn il-punti u fl-istess ħin nistednukom tibagħtu xi suġġerimenti jew kummenti dwarhom. L-opinjoni tagħkom il-membri hija, mhux biss apprezzata, imma wkoll meħtieġa biex il-parteċipazzjoni tkun aktar wiesa u allura effettiva.

L-ewwel punt li tkellimna dwaru qiegħed f'idejkom! Il-fuljett! Sar qbil li flok joħroġ kull tliet xhur dan ikun ippubblikat darbtejn fis-sena - Ġunju u Diċembru – b'aktar paġni. Fil-fatt taraw li l-ħarġa li għandkom f'idejkom hija bi 32 paġna u mhux iżjed b'sittax. Naħseb li nnutajtu wkoll li l-materjal, stejjer, ritratti, eċċ huma wkoll mqassma ħafna aħjar milli kien ikun qabel. Dan għaliex membru tal-Għaqda, is-Sur Stefan Zahra, offra s-servizzi u l-esperjenza tiegħu biex isebbaħ il-fuljett. Nittamaw li anke l-istejjer jibdew ikunu aktar jolqtu id-delizzju tagħna.

*Ikompli f'paġna 7*

It-tieni punt kien jolqot il-*logo* tal-Għaqda. Ħarġet l-ideja li l-*logo* tkun aktar rappreżentattiva tal-gżejjer Maltin. Għalhekk ġie ssuġġerit li flok il-mappa ta' Malta jitpoġġa s-Salib ta' Malta bi tmien ponot, jew kif inhu magħruf, is-Salib tal-Kavallieri. Diġa kellna xi żewġ idejat, imma ħsibna li xi membri jista' jkollhom idejat oħra u għalhekk qed nistiednu lil kull min hu dilettant tad-disinn biex joħloq ideja għal dan il-*logo*. F'dan il-fuljett issibu avviż bl-informazzjoni dwar dan.

Fl-aħħarnett il-Kunsill ressaq numru ta' emendi għall-Istatut partikolarment fejn tidħol l-amministrazzjoni tal-beni u finanzi tal-Għaqda. Dawn l-emendi kienu meħtieġa wkoll biex nippreparaw l-Għaqda għal tibdiliet li mistennija jsiru biex inkunu aktar konformi mal-Liġi dwar il-Volontarjat.

Meta nerġgħu naqbdu r-ritmu, nittamaw li dawn l-emendi jitpoġġew f'posthom skond l-artikli rilevanti tal-Istatut li mbagħad jiġi ppubblikat b'mod li jiddeċiedi l-Kunsill.

Kienet laqgħa aktarx ftit twila, imma wieħed irid jifhem li l-iskop ta' laqgħa ġenerali huwa li, wara li jisimgħu dak li għandhom x'jgħidu d-diriġenti tal-Għaqda, l-membri jingħataw iċ-ċans li jiddiskutu punti li jkunu ssemmew. Għalhekk issir l-insistenza għall-parteċipazzjoni li mingħajrha kull assoċjazjoni tinbidel fi grupp ta' robots li jiċċaqalqu meta xi ħadd jagħfsilhom il-buttuna.

Finalment nixtieq nirringrazzja lil dawk il-membri li attendew u ħadu sehem fid-diskussjoni dwar id-diversi suġġetti li ssemmew.

Nittamaw li l-virus ma ndumux ma neħilsu minnu biex l-ħidma tal-Għaqda favur il-presepju terġa tibda miexja 'l quddiem ... u allura l-Milied Malti jibqa jiġi ċċelebrat madwar il-presepju.





**Din is-sena l-*Covid19* ħarbatna waħda sew u ma neħodhiex bi kbira jekk ma tantx kellna moħħ naħdmu presepji. Għad fadal żmien għall-Milied – kważi sitt xhur! Għall-Wirja Annwali ta' Presepji ftit inqas, imma xorta fadlilna żmien biżżejjed biex nippreparaw sew għaliha.**

**Ejja nuru li l-presepju għadu f'qalbna u li qed nippreparawh għall-Milied li ġej!**

# Kif jiċċelebraw il-Milied fil-Messiku

MINN FRANS CHIRCOP



Qatt ħlomt li tqatta' l-Milied qalb is-*snow*? Jekk tkun qiegħed fil-Messiku f'Diċembru żgur dan mhux se tesperjenzah. L-aktar, l-aktar li tista' tesperjenza hija, xi xarba kiesħa li tinżel għasel fi griżmejk. Fil-Messiku, tistenna li jkollok vaganza sħuna, tropikali u kkulurita li jaf jagħmel it-temp ta' dan il-post. Għalhekk wieħed tajjeb jara kif jiġi ċċelebrat it-twelid tal-Bambin fil-Messiku.
Il-festi tal-Milied jibdew bil-*Las Posadas*, disagħt ijiem ta' purċissjonijiet bix-xemgħat kif ukoll *parties* qabel is-16 ta' Diċembru. Fil-villaġġi u rħula tal-qrib, mal-Messiku kollu, ż-żgħażagħ jinġabru wara nofsinhar biex jirreċtaw il-ġrajja ta' meta San Ġużepp flimkien mal-Madonna kienu qegħdin ifittxu kenn f'Betlem, bla ma rnexxielhom. Din ir-reċta, li timxi qalb it-toroq tal-Messiku, tibda bl-istatwa żgħira tal-Verġni Maria flimkien ma' statwa oħra żgħira ta' San Ġużepp. Wara dawn l-istatwi tfal lebsin ta' anġli, s-Santos Reyes (is-Slaten Maġi) u ħafna *pastore y pastoras* (bdiewa rġiel u nisa) kollha mgeżwra f'ilbies ikkuluriti u jżommu f'idejhom *bàculos* (bsaten) u faroles (fanali tal-karti), jimxu warajhom.
Il-purcissjoni tas-*Santos Peregrinos* (tal-Pellegrini Mqaddsa) tieqaf quddiem dar miftehma minn qabel u jkantaw litanija tradizzjonali fejn il-Familjia Mqaddsa titlob kenn għal-lejl u dawk minn ġewwa jagħlqulhom il-bieb f'wiċċhom u jkeċċuhom 'l hemm. Din it-talba għall-kenn tirrepeti ruħha meta jmorru jittalbu fit-tieni dar. Wara li jmorru jistaqsu lis-sid tat-tielet dar, dan jgħidilhom li m'hemmx wisa' fil-*posada* (lukanda) iżda għandu stalla u lest li jsellifhielhom. Hawn jiftaħ beraħ il-bibien u kulħadd jidħol ġewwa.
Dan huwa mod attiv ta' kif twassal il-messaġġ tal-Milied lit-tfal, pero' x'jiġri wara li jidħlu fid-dar żgur ma' huwiex dak li ġarrbu l-Familja Mqaddsa. Hawn jibda l-għors. Kulħadd iross u jgħafeġ biex jaħtaf xi ħaġa minn kull kwalità ta' frott li jibda jintefà minn ġewwa dik id-dar li tagħthom l-istalla.

## *Las Pastorelas*

*Pastorelas* (Reċti li jippreżentaw il-ġrajja tar-rgħajja) jiġu mtellgħin tul iż-żmien tal-Milied kemm minn nies komuni kif ukoll



*Ikompli f'paġna 9*



minn għaqdiet professjonali. Xi kultant, ir-reċta jivvintawha spontanja, però xorta tirrakkonta l-ġrajja ta' meta l-anġlu ħabbar it-twelid tal-Bambin lir-rgħajja. Din l-attività tmur lura fi żmien meta' l-Messiku kien ikkonverta għall-Kristjaneżmu. F'dawn ir-reċti, ta' min wieħed jinnota li waqt li r-rgħajja jkunu qegħdin jimxu wara l-istilla, sejrin lejn l-għar ta' Betlem, dawn jiltaqgħu ma' ħafna diffikultajiet li jkun ħejjielhom ix-xitan. Iżda dawn ir-rgħajja jirnexxielhom jegħlbuhom u jaslu fejn l-għar.

### *El Nacimiento*

F'ħafna djar Messikani l-aktar tiżjin importanti huwa l-*El Nacimiento* (il-presepju). Dan jikkonsisti fi pjanura kbira, f'għar imdaqqas fejn ikun hemm il-ġrajja tan-nativitá, muntanji u ħafna pasturi mxerdin fil-presepju. Fost dawn il-pasturi, wieħed isib xi serp jew figura ta' xitan fil-bogħod.

### *Noche Buena*

Il-festi tal-Milied fil-Messiku jilħqu l-qofol tagħhom f'*Noche Buena* (lejlet il-Milied), bil-quddiesa tas-serduk, *Misa de Gallo*. Din tibda hekk kif jidden is-serduk. Wara l-familji jinġabru d-dar għall-ikla tradizzjonali tal-Milied li tkun tikkonsisti f'*bacalao a la vizcaina* (bakkaljaw) u *revoltijo de romeritos* (*wild greens in mole sauce*). Id-dundjan jew xi ħanżir mixwi ma jonqosx għal dawk li jkunu sinjuri. Il-*Ponche* (xarba sħuna bil-frott), *sidra sparkling cider* ma jonqsux ukoll. Filgħaxija kulħadd jinġabar flimkien biex jiftħu ir-rigali u għat-tfal jingħataw *piñatas u luces de Belen*. Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet idumu sa' sbieħ il-25 ta' Diċembru. Din il-ġurnata tkun ġurnata ta' mistrieħ u jgawdu mill-*el recalentado* (dak li jkun fadal mill-lejl ta' qabel!)
Hekk tajna daqqa t'għajn kif pajjiż daqshekk 'il bogħod minn xtutna jiċċelebraw il-Milied.

***Tagħrif meħud mis-sit elettroniku:***
http://www.mexconnect.com/mex_/christmas.html



# Ħallastha l-Miżata ?

**Jekk le, ibgħat *cheque* ta' €5 lis-Segretarju. Id-donazzjoni tiegħek tassiguralek parteċipazzjoni f'dak kollu li jsir fl-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta u fl-istess ħin tkun tgħin lill-istess Għaqda biex tkompli tmexxi 'l quddiem l-għanijiet tagħha, prinċipalment dak li tinkoraġġixxi l-preżenza tal-presepju f'kull dar Maltija.**

# Il-*Logo* tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta

Waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali 2020 (ara paġ. 5 ) sar qbil li Art. 1:2 tal-Istatut jinbidel u jiġi jaqra hekk:
L-emblema tal-Għaqda tkun dik li tidher fuq il-faċċata ta' quddiem ta' dan l-istatut u turi 'l-Madonna u 'l San Ġużepp imdawrin ma' Ġesù Bambin fil-maxtura fuq sfond tas-Salib ta' Malta ta' tmien ponot. L-isem u s-sena li fiha twaqqfet l-Għaqda jidhru maċ-ċirku ta' barra.
Ikun hemm żewġ verżjonijiet tal-*logo* li jintużaw skont il-bżonn. Tal-ewwel ikun abjad u iswed fejn il-kulur tas-Salib ikun abjad fuq ix-xellug u griż fuq il-lemin bil-kliem maċ-ċirku jkun iswed. Fit-tieni verżjoni l-kulur griż tas-Salib isir aħmar u l-kliem maċ-ċirku jsir aħmar skur (*maroon*). F'kull verżjoni, l-figuri tas-Sagra Familja u figuri oħra li jistgħu jkunu suġġeriti, jkunu *silhouette* jew bil-kuluri iswed u abjad.
Għalkemm hemm xi idejat dwaru, d-disinn għadu mhux finali. Għalhekk il-Kunsill Amministrattiv qiegħed, permezz ta' dan l-avviż, jistieden disinni oħra li għalkemm jistgħu jvarjaw fil-pożizzjonament tal-partijiet tal-logo, l-ħsieb prinċipali kif espress fl-Art 1:2 li jidher hawn fuq irid ikun muri ċar. Proposti magħmulin fuq folja A4 bil-kuluri msemmija għandhom jaslu għand is-Segretarju sa nhar is-Sibt 18 ta' Lulju, 2020.
Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull disinn, jekk jidhirlu li l-livell mixtieq ma ntlaħaqx. Id-disinn li jiġi magħżul jingħata lil disinjatur professjonali għall-irfinar jekk ikun meħtieġ.
Il-*copyright* u l-esklussività tal-użu tad-disinn ikun f'isem l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta li jkollha d-dritt li tirreġistrah.



# Il-Kungress UN.FOE.PRAE.

## XXI EDIZZJONI - AACHEN - ĠERMANJA

Kif ħabbarna f'ħarġiet oħra tal-fuljett tagħna, fil-bidu ta' din is-sena sar il-XXI Kungress tal-Presepju organizzat mill-Federazzjoni Universali Presepistika, magħrufa aħjar bħala UN.FOE. PRAE. Din il-federazzjoni tiġbor fiha għaqdiet presepistiċi minn madwar id-dinja u għalhekk wieħed malajr jifhem l-importanza tal-Kungress Dinji li jsir kull erba' snin. Din id-darba sar f'Jannar fir-reġjun magħruf bħala Euregio, fejn il-fruntieri tal-Ġermanja, l-Olanda u l-Belgju jiltaqgħu flimkien. Iċ-ċentru tal-Kungress kien ġewwa Aachen, belt aktarx żgħira viċin il-fruntiera. Meta erba' snin ilu tħabbret id-data u l-post għall-Kungress 2020, kien hemm min qarras ftit wiċċu. Kulħadd irraġuna li l-Ġermanja, f'nofs Jannar ma tiċċajtax u taf tagħmel ftit kesħa u xita mhux ħażin. Imma bħal ma jgħidu li fejn tmur il-qalb jimxu r-riġlejn, u aħna wkoll, l-imħabba li għandna għall-presepju ħeġġitna biex immorru niltaqgħu ma' ħbieb tal-presepju minn madwar id-dinja.

Għaqqadna grupp ta' tlettax li kellu jirrappreżenta l-Għaqda tagħna. Bħala l-iktar wieħed anzjan fil-grupp ingħatajt l-inkarigu biex nipprepara dak kollu meħtieġ għal din il-mawra. Ħtieġli nara wkoll kif ser naslu Aachen – post li anqas fuq il-mappa ma kont naf fejn hu. Bl-għajnuna tal-mara tiegħi, li bdiet tiġbor l-informazzjoni mill-internet, bdejt nibni l-istampa li kelli bżonn. F'inqas minn ġimagħtejn kellna kollox lest u kien fadal żmien biżżejjed biex ngħaqqdu programm mimli informazzjoni. Sal-previżjoni tat-temp kellna.

Tlaqna lejn id-destinazzjoni tagħna ftit qabel sebaħ, nhar it-Tlieta 14 ta' Jannar, 2020 u wara titjira ta' tliet siegħat u rikba ta' siegħa f'taxi, wasalna Aachen qrib nofsinhar. Il-pjan kien li mmorru passiġġata biex norjentaw ruħna mal-belt. Bl-informazzjoni li kellna u l-GPS f'idejn tnejn mill-membri tal-grupp, malajr sirna nafu kif naslu fil-postijiet tal-Kungress, fosthom it-Town Hall u l-Katidral ta' Aachen. Tard wara nofsinhar



*Ikompli f'paġna 12*



id-drawwiet u l-istil tal-lokalitajiet li żorna. Kien hemm presepji sbieħ u dettaljati kif ukoll oħrajn ftit inqas attraenti. Preżenti fil-wirjiet kollha kien hemm l-entużjmu tal-membri tal-għaqdiet li organizzaw il-wirjiet.

Interessanti ħafna kienu l-presepji li rajna f'numru ta' knejjes. Il-parti l-kbira tagħhom kellhom pasturi *life-size* maħdumin minn injam, xama', u ġibs. F'ebda wieħed minn dawn ma rajna l-għar fejn twieled il-Bambin. Dan aktarx kien qiegħed f'xi forma ta' għarix mibni minn siġar ħajjin. Ix-xenarju tal-presepji wkoll kien magħmul minn siġar ħajj-in, imħawla fi qsari kbar li nħbew qalb iz-zkuk u l-weraq. Ġeneralment, is-Sagra Familja f'dawn il-presepji kienet fuq stil Lhudi imma l-pasturi l-oħrajn aktarx li kienu kollha lebsin l-istil tal-lokal fejn rajnihom. Impressjonani ħafna l-ammont

kellna ftit xita ħafifa; imma xorta morna naraw il-knisja ta' San Niklaus fejn l-għada fil-għodu kellna nirreġistraw u fil-għaxija nattendu għall-ftuħ tal-Kungress. Din il-knisja tintuża kemm mill-Kattoliċi kif ukoll mill-Ortodossi, għalhekk il-parti reliġjuża tas-serata ħadet forma ta' servizz ekumeniku b'taħlita ta' riti miż-żewġ komunitajiet. Naturalment kien hemm ukoll parteċipazzjoni ekkleżjastika mill-Olanda u l-Belġju li għenu biex ir-rappreżentazzjoni tkun verament waħda ekumenika. Id-diskorsi tal-ftuħ u l-inawgurazzjoni tal-Kungress saru fis-sala ewlenija tat-Town Hall ta' Aachen, ftit passi bogħod mill-Knisja ta' San Niklaus.

Matul it-tliet ijiem ta' wara morna nżuru wirjiet presepistiċi fi bliet żgħar u rħula fil-Ġermanja, l-Olanda u l-Belġju. Rajna presepji ta' qisien u forom differenti, naturalment skont



*Ikompli f'paġna 13*



da li żammet lil kulħadd attent sakemm l-aħħar ħsejjes tal-orgni intilfu bejn il-kolonni u l-arkati li jiffurmaw l-istess tempju.
Kien fadal l-aħħar żjara fid-djoċesi ta' Aachen li tinkludi wkoll l-irħula żgħar ta' Heinsberg, Gangelt, Linnich u Rurdorf. Matul din iż-żjara kellna l-opportunità li naraw presepji ta' daqs naturali mibnijin fi knejjes. Uħud minnhom kellhom pasturi artistiċi maħdumin fl-injam. Bħal fi bliet oħra li żorna, s-siġar u z-zkuk kienu l-materjal l-iktar użat għal dawn il-presepji.
Wara l-ikla ta' nofsinhar, li ppreparaw għalina l-ħbieb minn Rurdorf, kien wasal il-mument li l-grupp tagħna jħalli l-marka tiegħu mal-organizzaturi tal-kungress. Ridna wkoll inħallu tifkira taż-żjara tagħna f'dan ir-reġjun u kif wieħed jistenna, dan għamilnieh permezz ta' presepju fuq stil Malti maħdum mill-membru tagħna is-Sur Raymond Deguara b'pasturi ta' Laurence Baldacchino. L-effett li ħoloq dan il-presepju ħasad anke lilna. Kien verament mument meta l-ħbiberija bejn l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta u dik ta' Rurdorf inħasset minn kull min kien preżenti dakinhar. Din il-ħbiberija kompliet tidher meta waqt mixja mattoroq ta' dan ir-raħal żgħir mhux biss rajna għadd ta' presepji wara t-twieqi, f'parapetti ta' djar u f'ġonna privati, imma wkoll ġejna mistiedna nidħlu narawhom fi djar privati. Verament tmiem sabiħ għal dan il-Kungress Mondjali li għal darb'oħra kompla wera l-kobor tal-presepju fid-dinja!

ta' annimali f'kull presepju. Kien hemm tjur ta' kull tip, razez ta' nagħaġ differenti, iġmla, w annimali oħra li jinsabu fil-boskijiet li jdawwru l-Euregio. Fost dawn ma naqsux l-iskojjattlu (squirrel), il-volpi, il-fenek selvaġġ, l-mogħża nana, kif ukoll xi ħanżir selvaġġ. Ma naqsux ukoll il-klieb u qtates.
Fil-għaxijiet imbagħad stajna nattendu għall-kunċert fuq l-orgni tal-Katidral ta' Aachen, b'mużika ta' Johann Sebastian Bach, il-laqgħa plenarja li fiha tħabbar ukoll il-post tal-edizzjoni tal-Kungress li jmiss u l-ikla formali fis-Sala tal-Inkurunazzjoni fit-Town Hall. Tliet serati, li minkejja xi ftit għejja, komplew żiedu l-ħbiberija fost il-parteċipanti. L-aħħar attivita uffiċjali tal-Kungress kienet quddiesa pontifikali fil-katidral ta' Aachen. L-atmosfera f'dan il-katidral, li għalkemm mhux ta' xi kobor speċjali, imma ta' ambjent tipikament barokk, kienet waħ-

# "Father Christmas"

MINN GRACE PACE



Fi tfuliti, aktar minn nofs seklu ilu, minbarra l-presepju bil-pasturi tat-tafal u l-Bambin ċkejken fuq blata, jien, forsi għax bint Ingliż, tlajt nemmen bla tlaqliq f'*Father Christmas* u idħku kemm tridu għadni nemmen fih sallum.
Malli bdejt naqbad lapes f'idi kont nik-teb lil *Father Christmas* biex ngħidlu x'nixtieq għall-Milied. Issa dan *Father Christmas* li niftakar jien ma kienx xi wieħed sofistikat bħalma għandi llum, imma kien wieħed tal-kartun li ommi kienet ġabet magħha mill-Ingilterra fl-1935. Xorta kont niktiblu, npoġġi l-ittra wara dahru bejn il-kartuna u l-ħajt. U tafux x'kien jibgħatli lura? Ittra ttajpja-ta!! Kienet tasal nhar il-Milied u għaġeb tal-għeġubijiet kien ikun jaf eżatt u bid-dettal kemm kont inkun qgħadt imqar-ba d-dar, kif kont mort fl-iskola speċjal-ment fis-somom, u kien jgħidli għaliex mhux ser insib fil-kalzetta dak kollu li kont tlabtu.
Domt sejra hekk mhux ħażin, sena wara l-oħra sakemm darba kont il-privat waqt il-vaganzi tal-Milied. Il-kliem waqa' fuq ir-rigali u ta' innoċenti li kont għidt lil sħabi li kont irċevejt ittra mingħand *Father Christmas* u tgħidx kemm daħku. Jien nitmasħan li *Father Christmas* tassew kien jeżisti u huma għajruni 'balala'.
Insomma ħija u oħti kienu iżgħar min-ni. L-istorja kompliet fid-dar ta' tfuliti. Iżżewwiġt u *Father Christmas* beda jġib fil-kalzetta dak li jkunu talbuh uliedi. Il-lum il-ġurnata jġib dak li jitlob n-neputi. Mhux talli hekk, talli lil dan jixroblu l-ħalib u jiekollu biċċa *mince-pie*!
Imma jien fil-bidu għedtilkom li għadni sallum nemmen b'*Father Christmas* u hekk hu! Għalija dan hu l-ispirtu tal-Milied – sejjaħlu Santa Klaws jew San Niklaw jekk trid – l-isem m'hu ta' ebda importanza, imma l-ispirtu iva. Għadni

*Ikompli f'paġna 15*

nilmaħ lil *Father Christmas*-fil-ħaddiema u fl-anġli tad-dar tal-Providenza, fis-soru Ursolina li ddur bit-trabi fil-crëche, fis-sorijiet l-oħra li qed irabbu ulied ħaddieħor, f'dik it-tarbija li bid-daħka tagħha tisraqlek qalbek, f'dak ix-xwejjaħ mgħawweġ ganċ li għandu qalbu f'idu, fin-nies kollha li jaħdmu b'xejn u fil-mistur biex jgħinu 'l ħaddieħor bla ma jdoqqu fanfarri; narah f'dawk li jagħmlu sagrifiċċju (mhux jagħtu miż-żejjed li għandhom imma jiċċaħħdu huma biex iferrħu lil oħrajn); narah f'dawk li jħallu l-organi tagħhom wara mewthom biex ħaddieħor jgħix, f'dawk li jagħtu kilwa bla ma jqisu li l-oħra tista' timrad. U ħafna u ħafna oħrajn.



Dan l-aħħar, dan l-ispirtu sabiħ rajtu f'Mary li mietet biex oħtha Jodie setgħet ikollha aktar ċans. Inħoss li għax bqajt nemmen f'dan l-ispirtu tal-Milied, għalkemm xjaħt, għadni *young at heart*. Ma fiha xejn ħażin li t-tfal jemmnu f'Santa Klaws jew f'xi fatata tajba. Għala le! Għad jasal żmien li jikbru. Ħalluhom igawdu tfulithom, u jalla meta jikbru jibqgħu jaraw l-ispirtu ta' *Father Christmas* f'nies altruisti li jiltaqgħu magħhom.

# Il-HOLLY
## (ileks, ilċi)



Il-friegħi ta' din is-siġra jintużaw għat-tiżjin tal-Milied. Din il-pjanta ma nsibuhiex tikber hawn Malta, iżda żgur kulħadd ra xi kejk jew *log* tal-Milied imżejjen biha. Hemm ħafna stejjer li jassoċċjawha mal-Milied iżda l-aktar waħda komuni hi li siġra tal-*holly* kienet miżrugħa qrib l-għar fejn twieled Ġesù. L-agħsafar kienu naqqru l-frott aħmar ta' din is-siġra, iżda dak il-lejl li fih twieled Ġesù, din is-siġra rabbiet iż-żahar, fetħet il-fjuri u għamlet il-frott!

Il-weraq ta' din il-pjanta fihom ix-xewk, u l-frott żgħir li tagħmel huwa aħmar. Din il-pjanta nistgħu inqabbluha ma' persuna fejn ix-xewk huma d-difetti fil-karattru, iżda l-frott huwa s-sinjal ta' dak is-sabiħ kollu li hemm fiha. U int x'jolqtok l-aktar meta tħares lejn din il-pjanta ... ix-xewk jew il-frott?

# Kif il-Ħmara iġġib is-salib fuq dahrha

MINN JESSIE CHIRCOP



Meta l-Imgħallem beda joħloq id-dinja, l-ewwel li pprova jagħmel kien il-ħmara. Imma, ħaġa tal-għaġeb, dan l-esperiment marlu żmerċ!
Il-widnejn ġew kbar ħafna u leħinha kien taċ-ċajt. Għalhekk il-Mulej baqa' jipprattika sakemm fl-aħħar ħareġ bil-kapulavur tiegħu ... il-bniedem uman!
Issa l-ħmara qatt ma kienet rat kreatura bil-wieqfa b'żewġ saqajn biss!! Rat li din kienet ħaġa taċ-ċajt ħafna u bdiet tidħak u ġib lil min jidħak!! Alla ħadha bi kbira u ħassu offiż li biċċa ħmara tiddieħak b'sidu. Bħala kastig qalilha li minn dakinhar 'il quddiem kellha taħdem bħala annimal li jkollha ġġorr fuq dahra!! U qalilha "int ikollok tobdi lil dal-bniedem u taqdih".
Il-ħmara ddispjaċiha ħafna li kellha tieħu dal-kastig, meta ma kellha tort ta' xejn! Imma kellha ssofri għal ħafna u ħafna snin mingħajr ma tgemgem! Sidha ma tantx kien jitrattha tajjeb. Ħafna drabi jsawwatha u ma jagħtihiex ikel biżżejjed! Tgħallmet li tibża' mill-bniedem u tobdieh!
Ilu, ilu ħafna, f'post qrib Ġerusalemm kien hemm bidwi fqajjar li kellu ħmara ċkejkna. Tant kienet żgħira dil-ħmara li ma kinitx tiflaħ tagħmel xogħol tqil! Dan il-bidwi fqajjar ma setax jitma' ħalq ieħor!! Għalih dil-ħmara żgħira ma kienitx ta' użu fir-raba u veru ftit setgħet iġġorr affarijiet tqal fuq daharha!! Aħseb u ġib lil min jaħseb, dan il-bidwira li l-aħjar ikun li jeħles minnha. Hu ma kellux x'jambiha; hu tant kien fqir li ma setax jitmagħha iżjed. Ħaseb li peress li tant kienet żgħira ħadd ma kien ikun iridha! Ġieħ f'moħħu li joqtolha.
Meta l-bidwi wera dal-ħsieb lit-tfal tiegħu ħadd minnhom ma qabel miegħu. Tant kienu jħobbuha dil-ħmara ġwejda ġwejda! Qalulu li aħjar ibiegħha lil xi ħadd. Il-missier weġibhom "Kont inkun lest li nbiegħha, imma min se jixtri ħmara tant żgħira li ma tiflaħx taħdem?" Allura t-tfal qalulu biex jorbotha ma' siġra u jtiha lil min ikun iridha mingħajr ebda ħlas!! Hekk għamel ... l-għada mas-sebħ rabatha fit-triq li tagħti għall-belt.
Wara ftit li rabat din iċ-ċkejkna ħmara,

*Ikompli f'paġna 17*



koppja żagħżugħa, bil-mara fi tqala avvanzata, resqu lejh u bdew juru interess f'dil ħmara. Il-bidwi qalilhom li ma kienet tajba għal xejn u ma kienetx tiflaħ iġġorr xejn fuq daharha. Imma r-raġel ta' dik il-mara tqila aċċetta l-ħmara u qabel telaq qallu li se jsib x'jagħmel biha. Fakkru li tal-qalb twajba tiegħu l-Mulej kien se "jpattilu". Dak ir-raġel kien Ġużeppi u l-mara tqila kienet Marija. Kienu qed ifittxu kenn iżda ħadd ma offriel-hom dan il-kenn. Il-ħmara kif rat lir-raġel mħasseb offriet li tgħinhom. Ġużeppi rikkeb lill-mara fuq dahar il-ħmara u baqgħu sejrin lejn Betlem. Peress li ħadd ma tahom kenn, sabu għar tal-annimali. Hemm il-mara welldet it-tarbija Ġesù, tarbija ta' ġmiel liema bħalu! Il-ħmara marret tfittex annimali oħra biex iżommu lit-tarbija sħuna bin-nifs tagħhom.

Din il-ħmara ċkejkna tant saret tħobb lit-tarbija li tul it-tfulija mqaddsa tagħha kienet tmur kull fejn imur Hu. Dan Ġesù kien jidher ġentili, qalbu tajba, għaref u qatt ma sawwatha! Wara xi żmien ġara li dan Ġesù daħal f'Ġerusalemm fuq din il-ħmara fost il-ferħ u l-għajjat tan-nies. Iżda f'dik il ġimgħa stess, il-folla daret kontra dan Ġesù. Sawtuh, libbsulu kuruna tax-xewk u għabbewlu s-salib. Ġismu kien kollu dmija u f'rasu l-kuruna tax-xewk kienet qed tweġġgħu ħafna!

X'ħin rat hekk din il-ħmara marret fejn Ġesù u tħassrietu. Qaltlu, "Sidi tini dik il-kuruna tax-xewk, libbishieli fuq dahri. Jien għandi ġilda ħoxna u ma tantx in-ħossha". Imma Ġesù qalilha, "Grazzi, imma jien ikolli nilbes dil-kuruna tax-xewk għax jien ir-Re tal-Lhud. Imma nibqa' niftakrek għal tjubitek!" Reġa qaltlu l-ħmara, "Mela ħallini nġorrlok is-salib. Dak tqil ħafna! Jien imdorrija nerfa' toqol kbir". Ġesù qalilha, "Grazzi imma jien ikolli nerfa' dat-toqol ta' salib biex in-salva lill-bnedmin! Imma int biss, ħmara ċkejkna, tifhem it-tbatija tiegħi....u xtaqt tgħinni!! Talli wrejt ix-xewqa tiegħek li tgħinni, għad ikollok il-premju għall-qalb twajba tiegħek!"

Ġesù miet fuq is-salib u mar fejn Alla Missieru. Qallu bil-qalb twajba tal-ħmara u kemm riedet tgħinu. X'ħin sama' hekk qallu "Mela irrid nippremja lil din il-ħmara" Alla mar ħdejn il-ħmara u qalilha, "Int trid iżżomm widnejk kbar, dawn ikunu qishom it-timbru tiegħek. Bihom tkun tistà tismà l-ħsejjes minn kull naħa tiegħek anke mill-bogħod ħafna, u żżomm ukoll leħnek ... imma n-nies minflok jidħku bik tidħak bihom int. Għad tmur il-ġenna ħdejn Alla u minħabba li int ridt tilbes il-kuruna tax-xewk flok Ibni, issa tkun tista' tiekol u tgħix fuq il-ħxejjex bix-xewk u li jniggżu biex anke meta jaqa' l-ġuħ fid-dinja int ma tmutx bil-ġuħ. U bħala sinjal ta' rispett, jien ser nimmarkak bil-marka tas-salib fuq dahrek u tkun taf li Alla jħobbok.

# X'ifisser il-Milied għat-tfal iż-żgħar?

MINN BR. FELIX AGIUS




Iż-żmien tal-Milied hu l-aħjar żmien biex wieħed jista' jitkellem mat-tfal iż-żgħar fuq il-misteru ta' meta l-Iben t'Alla sar bniedem.

Iż-żjara tal-Anġlu toffri lit-tfal iż-żgħar materjal siewi, biex dawn jidrammatizzaw dan il-misteru u hekk, barra milli jidħlu fl-ispirtu tal-festa, jieħdu pjaċir jaħdmu mill-ġdid ġrajjet il-Milied. Xejn ma jagħti pjaċir lit-tfal tal-eta' tal-*kinder* milli jiċċelebraw xi *birthday* sew jekk ikun tagħhom u sew jekk ikun ta' wieħed minn sħabhom. Il-*Party* tal-Milied imbagħad hu *birthday party* speċjali. It-tiżjin tal-kamra, il-presepju u l-atmosfera li wieħed joħloq, kollha jgħinu biex inissel il-ferħ tal-qalb li t-tfal ta' dik l-età biss kapaċi jħossu!

Iżda l-preparazzjoni li għamel Alla għall-miġja ta' Ibnu fid-dinja kienet xort'oħra. Alla ried li għal Ibnu, joħloq Omm l-iżjed qaddisa li d-dnub ma kien qatt fiha. (Il-festa tal-Kunċizzjoni).

Inħajru lit-tfal biex jippreparaw ir-ruħ innoċenti tagħhom billi jagħmlu opri tajba eżempju juru mħabba speċjali lil Alla, bit-talb u karitajiet (atti ta' mħabba żgħar) u tjubija mal-proxxmu u fid-dar mal-ġenituri tagħhom u ma' ħuthom. B'hekk it-tfal tgħallimhom ilestu ruħhom spiritwalment għal din il-festa hekk kbira.

Tajjeb ukoll li ngħallmu lit-tfal jgħidu ta' spiss is-"Sliema Għalik" bl-ikbar rispett bħal ma qal l-anġlu lill-Madonna. Din bla dubju kienet il-qima li Alla xtaq jagħti lil dik li kellha tilqgħu ġo fiha u li kellha tkun imfaħħra matul iż-żminijiet.

Il-Presepju, imbagħad, għandu jkollu post f'xi rokna mżejna tal-klassi. Ngħinu lit-tfal ha jarmawh huma stess u jagħmlu l-istess id-dar. Mingħajr ma nħallu barra l-festa materjali, jiġifieri l-ikel u x-xorb tal-*party* inżommu quddiem għajnejn it-tfal li l-parti materjali mhux kollox, anzi għandu jkollu parti sekondarja, u hi l-preparazzjoni spiritwali li għandha tiġi l-ewwel. B'hekk it-tfal tkun ippreparajthom b'mod mill-aħjar għall-miġja ta' Ġesù fostna fil-jum tat-twelid (Milied) Tiegħu.

*Meħuda mir-rivista*
*Tfulija Bikrija, Ħarġa numru 2*
*Diċembru 93 / Jannar 94*



# Ir-Relikwi tat-Tliet Maġi fil-Ġermanja

MINN MICHAEL GALEA

Il-festa tal-Milied tibqa' dejjem l-isbaħ festa għaliex tfakkarna fit-Twelid ta' Ġesù Bambin fil-grotta ta' Betlem – ġrajja unika fl-istorja tal-bnedmin.
Hawn imbagħad il-festa tal-Epifanija li tfakkar fit-tliet Rejiet tal-Lvant: Gaspar, Melchior u Baltazar, li marru joffru r-rigali (deheb, nċens u mirra,) lil Ġesù Bambin.
Hemm leġġenda ħelwa marbuta mat-tliet Maġi. Il-famuż esploratur Marco Polo jikteb: Ġesù aċċetta r-rigali tagħhom u biex ipattilhom ta' dan tahom kaxxa tad-deheb magħluqa. Iżda l-Maġi fetħu l-kaxxa u ġo fiha sabu ġebla biex tfakkarhom jibqgħu sodi fi twemminhom. Huma ma fehmuhiex din u fid-diżappunt tagħhom irmew il-ġebla f'bir. Minnufih ilsien ta' nar feġġ fis-smewwiet u daħal ġol-bir jaqbad.
Il-Maġi ddispjaċihom, u sogħbiena għad-dgħjufija tagħhom ħadu xi ftit nar magħhom u qegħduh fit-tempji fejn dan in-nar kien jitqies bħala nar qaddis.
Illum nafu li r-Relikwi tat-tliet Rejiet jinsabu konservati u meqjuma fil-famuż katidral ta' Cologne, il-Ġermanja.
Federiku I, magħruf bħala Barbarossa, l-Imperatur Ġermaniż tal-Imqaddes Imperu Ruman, rebaħ l-għadu tiegħu, li kien fil-Belt ta' Milan, l-Italja. Il-Kanċillier tal-Imperu Reinald von Dassel bħala frott ta' dik ir-rebħa ħa mill-Belt ta' Milan ir-Relikwi tat-tliet Rejiet biex jagħtihom bħala rigal lil Belt ta' Cologne fejn von Dassel kien twieled.
Il-Papa Alessandru III (1159 – 1181) bagħat it-truppi tiegħu biex jaqbdu 'l von Dassel u ma jħalluhx joħroġ mill-Italja b'dawn ir-Relikwi prezzjużi. Iżda von Dassel irnexxielu jasal fuq ix-xmara tar-Rhein fejn hemm il-Katidral ta' Cologne. Fit-23 ta' Lulju, 1164 r-relikwi twasslu proċessjonalment sal-Katidral.
Ir-Relikwi huma ċentru tal-pellegrinaġġi u devozzjoni; Cologne hija ċentru tal-kattoliċiżmu fil-Ġermanja. Ir-relikwarju li fih huma miżmumin dawn il-fdalijiet, jirrappreżanta episodji li għandhom x'jaqsmu mat-tliet Maġi, minquxin u skolpiti fid-deheb mastizz, jiġbor fih 'l fuq minn 150 ħaġra prezzjuża.
Ta' min isemmi li l-kappella tal-Lingwa Ġermaniża tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann li hemm fil-Knisja Konventwali ta' San Ġwann (illum kon-Katidral), il-Belt Valletta, hija ddedikata sewwasew lill-Adorazzjoni tat-Tliet Rejiet, festa tal-Epifanija. Dan il-Kwadru titulari huwa xogħol il-pittur Stefano Erardi (1630 – 1716).



*Ir-Relikwarju tal-Maġi f'Cologne*

# Tagħrif ġenerali għat-tfal:

•F'xi bliet tal-Istati Uniti hemm liġi li tipprojbixxi lil Santa Klaws jilbes il-baffi tas-suf jew tat-tajjar minħabba l-biżà ta' xi nar. Għal-hekk il-baffi jridu jkunu magħmula minn materjal li ma jaqbadx malajr. Jew l-aħjar ikollu baffi naturali... bajda.

•F'xi rħula Svizzeri jieklu l-*Christmas card*...kartolini speċjali magħmula minn kejkijiet u torti bil-messaġġi fuqhom. F'jum il-Milied dawn il-kartolini jittieklu mit-tfal.

•Fi Franza lil dawk it-tfal li jġibu ruħhom imqarbin San Nikola jġibilhom biċċa njama.

•L-ewwel kartolini tal-Milied saru fl-Ingilterra fl-1846. Minnhom saru elf biss.

•Fil-Finlandja n-nies jiftakru fl-annimali u fl-għasafar. Il-baqar u ż-żwiemel jingħataw ikla speċjali fuq il-bjut tad-djar ħalli anki l-għasafar igawdu.

•F'xi pajjiżi Ewropej it-tfal jagħmlu xemgħat fit-twieqi biex igħinu lil Ġużeppi u l-Marija fit-triqithom lejn Betlem.




## Kif tagħmel:

# Xemgħat għall-Milied

• Għandek bżonn: Xemgħat bojod ta' kull daqs;
• *Stencils* ta' disinji li tixtieq (dawn tista' tagħmilhom inti stess billi tpinġi disinn sempliċi u taqtgħu fuq biċċa plastik jew kartonċina);
• *Masking tape*;
• *Spray* taż-żebgħa kulur id-deheb jew fidda.

Waħħal l-*istencil* fuq ix-xemgħat bil-*masking tape* u sprejja ż-żebgħa bil-mod. Ħalliha tinxef.
(Dawn ix-xemgħat jidhru l-isbaħ meta jkunu mixgħulin ħdejn xulxin, b'disinji u daqsijiet differenti).

# L-Atmosfera tal-Milied ...

MINN MARION HIGGINS DEBONO

Kien lejn l-aħħar ta' Novembru. Ix-xita kienet tlanġas mal-ħġieġ tat-twieqi ... u l-kesħa xxoqq l-għadam!. Bdejt naħseb u naħseb. Dan it-temp kien qed iġibli quddiem għajnejja meta kont żgħira fid-dar tal-ġenituri tiegħi. Daqsxejn ta' tifla moħħ ir-riħ, nistenna l-miġja tal-Milied.
Aħna t-tfal konna bil-ħrara nistennew il-Milied minn sena għall-oħra. L-atmosfera tal-Milied kienet tibda tinħass minn kmieni. L-iljieli ta' sħana fid-dar ... imdawrin ma' xi *heater* mal-familja u xi ħbieb jew qraba. Dan kien ħin ta' rilassament, b'xi xarba sħuna sħuna ma' dik ix-xi ħaġa tajba li kont niggosta ... xi ħaġa speċjali ta' dan iż-żmien speċjali.
F'kull dar tibda xxomm ir-riħa ta' tisjir li taqsam il-qlub bil-fwieħa. Il-mara trid tipprepara dak il-kejk speċjali għall-familja tagħha, ieħor għall-kunjata, għal ommha, għall-kappillan u l-bqija.
Qed nġib quddiem għajnejja kif id-dar kienet tinqala minn fuq s'isfel. Purtieri, dojlers, tapiti.
Dawn is-soltu jintramaw biss għat-tberik u għall-festa tar-raħal. Ma tonqosx fuq kollox is-siġra tal-Milied flimkien mal-presepju.
Dawn ta' l-aħħar kienu jkunu l-għors tiegħi flimkien ma' ħuti ... min jarma s-siġra tal-Milied mill-aħjar li jista', kif ukoll il-presepju. Pero' l-presepju kien f'idejja. Jien biss kelli narmah u npoġġi l-pasturi fejn u kif jogħġbuni.



Hekk kif ninsab mis-trieħa fuq il-pultruna, għaddejjin minn quddiem għajnejja l-ħwienet tal-ġugarreli fejn qed nara ħafna nies jixtru r-rigali għat-tfal u għall-kbar. Tant dħalt fl-atmosfera tal-Milied li l-emozzjonijiet spiritwali bdew jitħalltu ma dawk tradizzjonali. Għajnejja bdew jitbexxqu...n-nagħas beda dieħel ħelu ħelu ... naf li l-aħħar li niftakar kien lil ħuti jżejnu s-siġra tal-Milied ... u jien bil-pastur li kien tant għal qalbi ... l-għannej. Kien f'idejja ... imma ma nafx fejn qgħedtu. Dħalt fl-atmosfera tal-Milied fl-eqqel tas-sajf.

# Novella - Il-Prietka tal-Milied

MINN JONATHAN BALZAN



*Kien ilu hekk tul il-purċissjoni bil-Bambin....*

Paul kien l-iktar tifel kwiet fil-klassi. L-għalliema qatt ma kellhom xejn xi jgorru fuqu. Ma setax jonqos li kien abbati eżemplari wkoll. Kulħadd kien jammira imġibtu fuq l-altar speċjalment mal-abbatini iżgħar minnu. Ix-xewqa ta' missieru kienet li ibnu jimxi fil-passi tiegħu u jitla' l-Vatikan. Għall-eta' tiegħu, ta' għaxar snin, tassew kien responsabbli u ta' ċertu maturita'. Forsi dan kien mera tal-passat ukoll. Bi ftehim, il-ġenituri ta' Paul kienu infirdu wara li kien għamel il-praċett. Ommu siefret biex tkompli l-karriera fil-qasam turistiku. Kienet tinżel Malta f'*weekends* basta mhux fi żmien ta' festi.

Quddiesa l-Ħadd filgħodu, xemx u xita, qatt ma kien ifalliha. Ħadd minnhom, wara l-quddiesa, l-kappillan sejjaħ lil Paul fil-preżenza ta' missieru u saqsieh jekk kienx lest li jagħmel il-prietka tat-tifel f'nofs il-lejl. Tistgħu tobsru x'ferħ ħass! Kien l-ikbar rigal li seta jkollu għall-Milied, wara dak li jkun m'ommu mill-ġdid f'dal-jiem sbieħ ta' festi. Minkejja dan, ma naqasx milli jibagħtilha messaġġ min-nufih.

Missieru kien jgħinu kemm jista' waqt li kien jitgħallem il-prietka bl-amment. Ried ikun parti minn dil-esperjenza u tassew ikun Milied b'differenza, anke jekk b'sogħba kbira kien se jkun it-tielet Milied mhux bħala familja magħquda. Kull sena kien jaħdem presepju bil-ġablo u jarmah fil-kuritur. Mhux l-ewwel darba li minn wara l-bieb tal-kamra tas-sodda, missieru, lemaħ lil Paul jibki quddiem il-presepju.

F'okkażjoni minnhom, semgħu jitlob quddiem il-grotta biex jerġa' jara lill-ġenituri flimkien. Ħass għafsa ta' qalb. Ma ħalliex lil Paul jintebaħ bih josservah. Kien jitlob hu wkoll l-istess kull filgħaxija quddiem xbieha tas-sagra familja mdendla fil-kamra.

Iż-żmien kien daħal sew. Paul kien tgħallimha fuq ponot subgħajh u dan serraħ moħħ il-kappillan li kien għamel għażla tajba. Ried biss jipperfezzjona t-ton li kultant kien wisq plaċidu. Għalkemm kien jafha sew u

*Ikompli f'paġna 23*

kellu kunfidenza kbira, Paul xorta kien beżgħan u ħosbien. Kien ilu hekk tul il-purċissjoni bil-Bambin li għaddiet mit-toroq tar-raħal. Rabba l-kuraġġ u ħareġ fuq l-altar x'ħin sejjaħlu l-kappillan. L-abbatini, missieru, sħabu tal-klassi u tal-Mużew kienu fl-ewwel fillieri. Persuna għażiża waħda biss kien jonqos ... ommu. Lil ommu xorta kien baqa' jħobbha, ġara x'ġara. Li kieku setgħet tarah!

Waqa' skiet kbir taqtgħu b'sikkina. Kulħadd kien qed jistennieh jibda. Għal ftit sekondi li dehru itwal minn siegħa, Paul kien qisu statwa tal-ġibs. Il-knisja ma kinetx kbira. Maddaqqa t'għajn seta' jieħu idea tan-nies preżenti. F'nofs il-knisja lemaħ lil ommu. Kif kien raha l-aħħar darba. Xagħarha llixxjat, u liebsa l-kowt l-aħmar favorit tagħha. Ħarrket xufftejha u tbissmitlu. Xenglet rasha 'l isfel bħal donnha għamlitlu sinjal biex jibda.

Sadanittant il-kappillan, kien bejn ħalltejn x'jaqbad jagħmel f'dalmument u straħ kif Paul tah ħarsa ħafifa, iċċaqlaq pass 'il quddiem u beda l-prietka. Oħroġ il-għaġeb kif saħħar knisja bil-mod eċċezzjonali, b'ton sod u ċar u bla tlaqliq... tant li n-nies waqfet iċċapċap biss għas-sinjal tal-kappillan. Dan kien induna li kien ġara xi ħaġa mhux tas-soltu. Żgur ma kienx belagħhom biex ikun daqshekk ewforiku ta' tifel li kien! Paul ma felaħx ma jgħidlux b'ton baxx li kien hemm ommu. Ma kienx se jgħajjat f'nofs knisja. Il-kappillan, li kien jaf bl-istorja tal-familja Borġ ħataf l-okkazjoni u sejjaħ lil missieru u lil ommu jitilgħu fuq l-altar u ippreżenthom bħala l-ġenituri tat-tifel. Deċiżjoni kuraġġuża, li ħa bla ma ħaseb li seta' jkollha xi riperkussjonijiet, iżda ma kien xejn minn dan!

Tistgħu taħsbu x'ferħ ħass f'qalbu Paul! Dak li kien talab quddiem il-grotta kien tassew seħħ. Reġa' ġab quddiem għajnejh ir-ritratt tal-praċett fuq l-istess altar tlett snin qabel. Kif intemmet il-funzjoni u Paul kien spiċċa jieħu b'idejn in-nies, resqu ommu u missieru ħdejh.

"Did-darba ġejt Malta għal kollox. Għaġġilt wisq fil-pass li kont ħadt. Ħa nerġa' nipprova u nagħti ċans ieħor lir-relazzjoni tagħna. Dan il-Milied se ngħaddih hawn magħkom" lissnet ommu.

"Ma stajtx tagħtini rigal isbaħ minn dan," weġibha Paul bid-dmugħ f'għajnejh, waqt li kompla, "tassew li dan il-Milied ġab il-paċi f'qalbi, ferħ u għaqda fostna".

L-għada, kif missieru kien ħiereġ mill-kamra tas-sodda sab lil Paul quddiem il-grotta. Resaq lejh, għannqu miegħu, u bi tbissima qallu,

"Illum tassew qalbna mtliet bil-ferħ, u tista' tgħidlu, "Grazzi Ġesu' talli smajt talbi", waqt li għannqu miegħu u ħadu fil-kċina ħdejn ommu jħejju għall-ikla tal-Milied.



# BETLEHEM...
## id-Dar t'Alla Lahm ... Dar tal-ħobż!

MINN JOSEPH MUSCAT



Kien hemm żewġ irħula b'dan l-isem, wieħed Betlehem ta' Żabulun xi seba' mili fil-Majjistral ta' Nażaret u Betlehem ta' Ġuda li għandha x'taqsam mat-twelid ta' Ġesù u li tinsab mal-ħames mili fin-nofsinhar ta' Ġerusalem.

M'hemmx l-iċken dubju li Betlehem tallum hi dik fejn twieled Ġesù. Din imsejħa wkoll Efrata li tfisser għanja fil-frott, jixirqilha u joqogħdilha wisq dan l-isem. Mikea 5:2 isejħilha Betlehem ta' Efrata. Minn Nażaret sa Betlehem hemm 90 mil, mixja ta' erba' jew ħamest ijiem għalhekk wieħed jista' jaħseb x'batew Ġużeppi u Marija biex telgħu Betlehem jaqdu dmirhom.

Għalkemm aħna ngħidu li Ġesù twieled 'fl-għar ta' Betlehem' l-ebda Evanġelista ma jsemmi dan. F'Betlehem u madwarha hemm ħafna għerien li għadhom sal-lum jaqdu r-rgħajja. L-għar li fih twieled Ġesù, li kien xi ftit 'il barra minn Betlehem, kien wieħed minn dawk li filwaqt li fih kienu jżommu xi annimali, fuqu kienet tinbena xi għorfa għan-nies. Dan jaqbel ħafna mal-għamla mtarġa ta' dawk l-inħawi ta' madwar Betlehem. Waqt li ngħidu li miktub ma nsibu xejn f'liema għar ta' Betlehem twieled Ġesù iżda jkollna ngħidu li meta' Ġużeppi u Marija ma sabux fejn idabbru rashom fir-raħal ħarġu barra minnu u għamlu kif kien jagħmel kulħadd u daħlu ġo għar.

Il-Bażilika tat-twelid ta' Ġesù li tinsab f'Betlehem hi 'l bogħod ħafna mill-faqar u s-sempliċita tax-xena li jagħtina San Luqa. Int u riesaq lejn din il-knisja tistħajlek dieħel f'xi fortizza kbira. Ħajt għoli u oħxon idawwar dan il-bini b'fetħiet għal xi twieqi bi gradilji

*Ikompli f'paġna 25*

tal-ħadid iħarsu minn xi amberżuni, li tistħajlek riesaq lejn is-swar tal-Imdina, tal-Belt jew tal-Kottonera.
Tidħol minn bieb żgħir ħafna hekk li jkollok tintlewa tnejn biex tgħaddi u ssib ma' wiċċek mużajk il-ġmiel tiegħu, li mill-bieb tara n-navati bi plieri ta' rħam aħmar li fuqhom il-kapitelli ta' rħam aħmar bl-abjad iwieżnu t-toqol tas-saqaf ta' dan il-bini Biżantin li tela' għall-ħabta tar-raba' seklu fi żmien Kostantinu u bi flus Santa Liena.
Meta wieħed jinżel isfel biex iżur il-grotta, li ma setgħetx kienet aktar minn tnax -il metru twila u fonda mal-erba' metri, fejn twieled Ġesù, jibqa' mibluh bil-bidla li jara. Il-bniedem matul is-snin ħaseb biex isebbaħ kemm jiflaħ dak l-imkien hekk li llum ma tarax ħlief deheb, fidda, ħaġar prezzjuż, rakkmu, damask, u dawl li kollox jgħammex l-għajnejn iżda li jtellfu mill-ħsieb ta' dak li ġara hemmhekk elfejn sena ilu. Stilla kbira tal-fidda mal-art turi sewwa fejn twieled Ġesù. Mhux ta' b'xejn li x-xwejjaħ eremita San Ġilormu, li kien jgħix f'wieħed mill-għerien qrib dak fejn twieled Ġesù, b'leħen imqit kont tisimgħu jgħid: 'il-Feddej ma ġiex fid-dinja qalb id-deheb u l-fidda!'
Diġa' fit-tieni seklu l-Imperatur Adrijanu kien ittanta jħassar l-imkien fejn twieled Ġesù billi ried jibni tempju lil Venere fuq l-għar. Kienet Santa Liena li ħadmet ħafna biex issib u tikxef dak il-post. Il-bażilika li tkellimna fuqha nbniet fi żmien il-Kruċjati fuq il-post u l-għamla ta' dik li bniet Santa Liena.
Betlehem tallum hi mibnija fuq żewġ għoljiet hi madwar 2550 pied 'il fuq minn wiċċ il-baħar. Illum tgħodd madwar 10, 000 ruħ jew iżjed u għadha bħal fl-imgħoddi mżejna b'ħafna bini qadim b'dawk is-soqfa tondi li mill-bogħod tistħajjilhom għenieqed tal-għeneb, b'toroq dojoq u mdewda bin-nies. Ħaġa oħra li tolqtok f'Betlehem u li forsi ma ssibhiex fi bliet u rħula oħra tal-Palestina hi li l-biċċa l-kbira ta' niesha huma Nsara.
Betlehem kienet u għadha t-tokk tar-rgħajja. San Luqa ried juri li Ġesù ried jinqeda b'nies umli, ir-rgħajja, biex iħabbru t-twelid Tiegħu. Nafu li r-rabbini ftit li xejn kienu jaħmlu r-rgħajja mħabba l-mod ta' ħajja li kienu jgħixu, voldieri dik ta' nomadi, dejjem jiġġerrew minn post għal ieħor u b'hekk ma segħu qatt jimxu mal-liġi kif kienu jixtiequ r-rabbini.



# Il-Presepju ta' Scicli...

MINN ALEX POWELL



*Il-Knisja ta' San Bartilmew f'Scicli*

Il-belt ta' Scicli, provinċja ta' Ragusa fix-xlokk ta' Sqallija, hija magħrufa għall-attrazzjonijiet presepistiċi fi żmien il-Milied. Meta wieħed iħares 'il fuq lejn il-belt antika, minsija miż-żmien u l-progress, u jħares lejn l-għerien fil-blat ta' Chiafura, mingħajr ma jrid jesklama 'qisu presepju', hekk li issa magħrufin għall-presepju ħaj matul żmien il-Milied li hu attrazzjoni presepistika ta' dan il-lokal pittoresk. Dawn l-għerien ta' Chiafura sas-snin ħamsin tas-seklu l-ieħor kienu joqogħdu fihom b'mod primittiv diversi abitanti tal-post. Lejn tmiem is-snin ħamsin, dawn marru jgħixu f'postijiet aktar diċenti 'l isfel mill-belt l-antika. Fl-istess ambjent ta' blat u għerien jintramaw diversi presepji oħra li jkunu esposti għal żmien il-Milied. Fuq din l-għolja tiddomina l-knisja antika ta' San Mattew, illum imneżża' minn kull rikkezza u mitluqa għal riħha.

Il-kittieb Taljan Elio Vittorini (1908-1966), fir-rumanz tas-snin ħamsin Le Città del Mondo, isejjaħ lil Scicli l-isbaħ belt … forsi l-isbaħ belt fost il-bliet kollha tad-dinja.

Scicli kienet dikjarata belt ta' Patrimonju Dinji mill-UNESCO fl-2002. Minkejja li l-isem tal-belt imur lura mat-300 Qabel Kristu, hemm traċċi li juru abitazzjoni tal-art li tmur lura minn 3000 sena sa 15-il seklu QK.

Bħal bqija ta' Sqallija, din il-belt ġarrbet ħsarat kbar bit-terremot devastanti tal-1693. Meta fis-seklu ta' wara reġgħet bdiet tinbena mill-ġdid, il-belt ħadet is-sura barokka kif tidher llum, b'diversi palazzi u knejjes li jagħmlu mill-belt attrazzjoni turistika. Ta' min isemmi li fil-knisja ta' San Injazju u San Guliermu tinsab meqjuma il-Madonna delle Milizie, statwa tal-Madonna fuq iż-żiemel, l-unika waħda li turi lill-Madonna b'xabla f'idejha, li tfakkar il-ħelsien ta' Sqallija mis-Seraċini fis-seklu XI f'battalja li saret qrib Scicli.

L-abitanti tal-belt kollha illum jgħoddu fuq is-27,000 ruħ.

Scicli llum hija magħrufa sew ma dawk li jsegwu s-serje fuq ir-RAI Il Commissario Montalbano bħala l-lokalita' fejn jinħadmu x-xeni tiegħu.

### *Il-Presepju Storiku ta' Scicli*

L-aktar presepju mportanti u nteressanti

*Ikompli f'paġna 27*

għall-istorja, jinsab fil-knisja barokka ta' San Bartilmew. L-ewwel aħbar ta' presepju f'din il-knisja tasal mit-tieni nofs tas-seklu XVI, fejn fl-1575 jissemma presepju bl-għar. Dan jikkonferma kemm minn dak il-presepju illum ma fadal xejn, għaliex in-Nativita' li naraw illum isseħħ taħt ir-rovini ta' tempju żgħir, li jagħti ftit tal-ħjiel tat-tradizzjoni Naplitana. Minkejja li jingħad li l-knisja ta' San Bartilmew kienet waħda mill-inqas li ġarrbet ħsarat fit-terremot tal-1693, fis-seklu ta' wara inbidlet f'waħda barokka u sussegwentement anke il-presepju kien deċiż li jkun rinovat jew aħjar isir mill-ġdid.

Ix-xogħol fuq il-presepju sar mill-iskultur Naplitan Pietro Padula, li f'dak iż-żmien ta' qawmien u rinovar artistiku, kien jinsab fl-inħawi ta' Modica, waqt li kien fl-aqwa tiegħu għaddej b'diversi xogħlijiet fin-nofsinhar ta' Sqallija. Ix-xogħol fuq il-presepju beda fl-1773, fejn l-artist ħadem 40 pastur, waqt li fl-1776 ħadem ix-xena tal-Maġi b'25 figura, b'żewġ xeni, l-Adorazzjoni tal-Maġi u l-Maġi resqin biż-żwiemel u l-iġmla. Iż-żmien għarraq uħud mill-pasturi u ntilfu, imma l-akbar dannu sar fl-1971 meta xi figuri mill-isbaħ insterqu u ma nstabu qatt. Illum fadal biss 25 pastur. Minkejja li l-artist hu Naplitan u kien jaf tajjeb il-karatteristiċi tal-pasturi Naplitani li kienu fl-aqwa tagħhom, ħadem pasturi tal-injam b'taħlita ta' tradizzjoni Siċiljana u Naplitana. Ħafna mill-persunaġġi juru raħħala u rgħajja fqajra li juru l-poplu ta' dawk iż-żminijiet, kif kien preċiżament l-iskop tal-artist. Il-qisien ivarjaw minn madwar 70ċm għall-figuri ta' quddiem sa 20ċm dawk l-aktar imbegħda. Il-presepju fih mal-20 metru kwadru. Padula ħadem ukoll il-presepju nniffsu li ukoll jista' jissejjaħ taħlita' ta' tradizzjoni Naplitana mà dik lokali ta' Sqallija. Waqt li l-presepju l-antik kien jidher biss mill-faċċata, issa Padula għamlu jidher minn faċċata oħra.

Kmieni wara nofsinhar, nhar il-Milied, mill-knisja ta' San Bartilmew toħroġ purċissjoni bil-banda u l-fratelli tal-post fejn tintrefa' urna kbira tad-deheb li fuq il-quċċata tagħha tistrieħ statwa tal-Bambin magħrufa min-nies tal-post bħala Cicidda r'Oru. L-istil tal-istatwetta hu Naplitan, li minkejja li sa issa ma jidher li hemm xejn dokumentat, il-probabilta' hija xogħol tal-istess Pietro Padula, l-artist famuż tal-presepju fl-istess knisja.

Attrazzjoni oħra li tiġbed ħafna nies hija l-purċissjoni tal-Għid il-Kbir magħrufa bħala Uomo Vivo.

Referenzi:


- *Memorie istoriche, civili ed ecchlesiastiche della città di Scicli. Miktub fis-seklu XIX minn Giovanni Pacetto, Kanonku tal-Kolleġġjata ta' San Bartilmew. Miġbur minn Sparacino A. (2009), Edizione Grafiche Santocano, Rosalini.*
- *Vittorini E. Le Città del Mondo. Edizzjoni 2012, Biblioteca Univ. Rizzoli*
- *Stefanucci A. (1943) Storia del Presepio. Roma, Casa Editrice 'Autocultura'*
- *ragusanews.com*




*Il-Presepju storiku f'Scicli*

# Milied u l-Istrina

MINN MARTIN MORANA



Fl-ewwel tas-sena kienet issir il-qarinża, li kienet drawwa fejn, minn filgħodu kmieni, xi nies kienu jduru fit-toroq, iroxxu ftit ġir fuq l-għatba tal-bieb, u jawguraw lill-familja sena tajba u riżq. Sas-snin erbgħin kienet għadha ssir din id-drawwa. Kien hemm min anke kien joħroġ bil-ġir filgħaxija lejlet l-ewwel tas-sena, iżda aktar kienu jidhru l-għada fil-għodu. Minn tagħrif li ġabar is-Sur Martin Morana jgħid li hemm verżjoni oħra tal-kelma Qarinża u din tgħid hekk: "… F'Malta, t-tradizzjoni tal-istrina tissemma minn Agius de Soldanis fid-Damma, (1750 – 1767), l-awtur tad-dizzjunarju Malti. Dan kien il-librar tal-Ordni ta' San Ġwann. Hu jgħid hekk: '… *mancia che si da, dai maggiori all' inferiori, il primo giorno dell'anno, cioè ogni primo giorno di mese di Gennaio*'. F'Malta u Għawdex l-istrina ma kienetx

*Ikompli f'paġna 29*

biss l-att fejn il-kbar jagħtu rigal lit-tfal. Kien isir aktar minn hekk. Kien ikun hemm ukoll xi żgħażagħ li kienu jaraw kif idabbru xi rigali, x'aktarx ikel jew flus, billi jagħmlu dik li tissejjaħ il-Qarinża (jew Qarinza). Din kienet bħal teatrin tat-triq li dawn iż-żgħażagħ kienu jirreċtaw bl-akbar żufjett. Dawn iż-żgħażagħ kienu jinġabru fis-siegħat bikrin ta' filgħodu tal-ewwel tas-sena biex jieklu jixorbu u jdoqqu xi strument. Waqt dan it-tbaħrit kienu jagħżlu wieħed minnhom biex jagħmilha ta' bniedem mejjet. B'mod ritwali u simboliku dawn kienu taparsi jqattgħu l-'ġisem mejjet' ta' seħibhom u jofffru l-biċċiet ta' ġismu lill-erwieħ, daqs li kieku dan il-ġisem kien tas-sena li issa mietet ..."

## L-Istrina

Bħalma fi żmienna hawn id-drawwa li gruppi ta' tfal jew kbar iduru mat-toroq ikantaw il-*Christmas Carols*, hekk ukoll kien isir għall-ewwel tas-sena fl-imgħoddi, imma minflok ikantaw kienu jdoqqu xi żewġ vjolini jew strumenti tal-korda taż-żmien. Il-messaġġ kien li jawguraw sena tajba lill-familja. Illum iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Milied isiru kemm lejliet u dak inhar tal-Milied kif ukoll lejliet u dakinhar tal-ewwel tas-sena. Niftakar fi żmieni, sewwa sew xi sittin sena ilu, meta kont għadni tifel, l-ors tagħna it-tfal induru fit-toroq bil-bott, b'xaqq fil-wiċċ biex niġbru xi sold, tlett soldi u jekk inkunu iffurtunati xi *sixpenz*. Pero' niftakar tajjeb li fir-raħal fejn kont ngħix, kien hemm qassis, Dun Ġużepp Zammit, iż-żgħir, li konna mmorru nqerru għandu u kien jagħtina tlett soldi. Kien ikun hemm kju ta' tfal pero' kif jisp piċċawlu t-tlett soldijiet dan il-kju kien jissparixxi. Dan l-aħħar snin reġgħet daħlet ukoll id-drawwa tal-Istrina fejn isir programm fuq it-televiżjonijiet lokali kollha biex jinġabru flus għal tfal u nies fil-bżonn.

'... Il-kelma strina ġejja mill-Isqalli, strina jew strinia, u mit-Taljan, strenna. Din it-tradizzjoni, kont issibha f' ħafna pajjiżi kemm dawk imbegħda kif ikoll viċin il-gżejjer Maltin. Minn tagħrif li sibt fuq is-sit elettroniku tas-Sur Martin Morana kliem u storia .... "L-istrina mill-Milied sal-Epifanija".' li skont Giuseppe Pitré, l-etnologu rinomat Sqalli, l-istrina hi użanza li tmur lura sa minn żmien ir-Rumani, meta kienu jiċċelebraw il-festi tas-Saturnalja, (22 – 25 ta' Diċembru) jiem meqjusa bħala l-aħħar jiem tas-sena u l-bidu tas-sena l-ġdida. Dawn kienu jiem iddedikati lill-alla Strenia, l-alla Rumana tal-Bosk Sagru, tan-natura, tal-annimali u tal-qamar. Dak iż-żmien, in-nies kienu jqassmu frieghi tar-rand jew taż-żebbuġ lil xulxin bħala awgurju għal sena ġdida b'riżq u abbundanza. Biż-żmien, din it-tradizzjoni, ċċaqalqet lejn l-ewwel ta' Jannar.

***Ara aktar: https://kliemustorja.com/a***

# Ġlieda fil-Knisja tan-Nativita' bejn l-Insara

MINN FRANS CHIRCOP



Dan is-sellum jinsab fil-knisja tas-Sepulkru Mqaddes sa mit-18 -il seklu. Meta l-qassisin Armeni ppruvaw ineħħuh kellhom ħafna nkwiet u kellhom jerġgħu jpoġġuh fejn kien.

Kull turist li kien qiegħed iżur il-knisja tan-Nativitá f'Betlem fid-29 ta' Diċembru 2011, baqa' mbellaħ meta' assista għal ġlieda kbira bejn 100 qassis Ortodoss u dawk qassisin Armeni fil-knisja stess tan-Nativitá. Din il-ġlieda kienet miġġielda bl-ixkupi u tant kienet ħarxa li kellha tintervjeni l-pulizija Palestinjana. Ħaġa kurjuża hija li ħadd minn dawk involuti fil-ġlieda ma kien arrestat għax skond *Lt-Col Khaled al-Tamimi*, l-kbir tal-Pulizija Palestinjana, dawn in-nies kienu nies ta' Alla.
Tajjeb li wieħed ikun jaf kif hija mmexxija l-knisja tan-Nativitá minn kull fergħa ta' reliġjonijiet li hemm preżenti. Deċiżjonijiet ta' kif titmexxa l-knisja hija bbażata fuq kif hemm stipulat fuq is-sistema Ottomana li tmur lura għall-1299, li tordna li kollox isir kif kien isir qabel.
Dawn ir-reliġjonijiet ġew mogħtija partijiet mill-knisja biex jamministrawha kif ġie stipulat fl-i*Status Quo*. Dan l-i*status quo* ġie stipulat b'digriet ta' Ottoman Sultan Osman III fl-1757. Dan id-digriet qasam ir-responsabbiltajiet fost ir-reliġjużi preżenti fil-knisja tan-Nativitá.

L-i*Status Quo* huwa ftehim bejn ir-reliġjonijiet kif għandhom jitmexxew id-disa' postijiet reliġjużi li hemm f'Ġerusalemm u Bethlehem.
Kien hemm aktar digrieti wara dak tal-1757 fosthom dawk tal-1852 u tal-1853 fejn ġie stabbilit li xejn ma jista' jintmess jew jinbidel jekk ma jkunx hemm qbil unanimu bejn is-sitt reliġjonijiet. Dawn id-digrieti ġew internazzjonalment rikonoxxuti fit-Trattat ta' Pariġi f'Artiklu 9 tal-1856.

## *HISTORY DATING - BACK CENTURIES.*

Tajjeb li wieħed ikun jaf kif bdiet din il-ġlieda. Hemm min jgħid li kien hemm wieħed mill-qassisin li daħħal xi xkupa minn taħt il-bieb tal-'Umiltá' u din ġiet fit-territorju ta' reliġjon oħra. Dawn ħassewhom offiżi u nsulentati u qamet ġlieda li xxandret fuq kull stazzjon televiżiv madwar id-dinja kollha!

# Paġna għat-tfal ...

Issa li wasal il-fuljett tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta f'idejkom, se ssibu Presepju li tistgħu tagħmluh id-dar bla ebda tfixkil. Kull ma tkunu tridu huwa tkabbru din il-paġna, twaħħluha fuq biċċa kartuna naqra soda, tqasquha u jkollkom il-presepju lest. Mela f'idejkom!



# Santi Antiki tal-Milied ...









